ISSN 1725-5104

**Ħarġa Speċjali ***
**12 ta' Ottubru 2006**

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1502/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward ta' derogi li għandhom jingħataw lill-Istati Membri** . . . . . . . . . . 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-*data*** . . . . 15

1

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 281.

I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1502/2006

## tat-28 ta' Settembru 2006

## li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward ta' derogi li għandhom jingħataw lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(h) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għal żmien qasir dwar iċ-ċiklu tan-negozju.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 introduċa varjabbli ġodda u impona obbligi ġodda fuq l-Istati Membri li jikkonċernaw perjodi ta' referenza, livelli ta' dettall u l-iskadenzi għat-trażmissjoni għad-data meħtieġa.

(3) Bħala konsegwenza, is-sistemi ta' statistika nazzjonali jeħtieġu adattamenti.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 speċifika perjodu transitorji massimi għall-varjabbli individwali li jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni.

(5) Id-derogi maħruġa permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2001 tat-23 ta' Marzu 2001 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-derogi ta' l-Istati Membri ([2]) skadew.

(6) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-derogi li jissemmew fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 u fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1158/2005 huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 1).

([2]) ĠU L 92, 2.4.2001, p. 1.

*ANNESS*

It-tabelli li ġejjin jindikaw il-perjodi transitorji u d-derogi mogħtija lill-Istati Membri għall-indikaturi individwali f'kull anness għar-Regolament (KE) Nru 1165/98 li ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 (f'dan li ġej jissejjaħ bħala r-"Regolament tal-STS").

L-ewwel kolonna ta' kull tabella fiha l-ispeċifikazzjoni ta' l-indikatur konċernat. L-ittri kapitali jirreferu għall-erba' annessi għar-Regolament (KE) Nru 1165/98:

A – L-Industrija;

B – Il-Kostruzzjoni;

C – In-negozju bl-imnut u tat-tiswija;

D – Servizzi Oħra.

In-numri magħmulin minn tliet ċifri jirreferu għall-varjabbli kif ġej:

110 – Il-produzzjoni;

115 – Il-produzzjoni tal-kostruzzjoni tal-bini;

116 – Il-produzzjoni ta' l-inġinerija ċivili;

120 – Il-valur tal-bejgħ;

122 – Il-valur tal-bejgħ mhux domestiku;

132 – L-ordnijiet ġodda mhux domestiċi;

210 – In-numru ta' persuni impjegati;

310 – Il-prezzijiet tal-produzzjoni;

312 – Il-prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku;

340 – Il-prezzijiet ta' importazzjoni.

It-tieni kolonna tiddeskrivi l-kontenut tad-deroga skond l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1158/2005. Hemm erba' possibbiltajiet għal dan il-kontenut:

— Il-konsenja ta' l-ewwel data – tapplika għall-indikaturi l-ġodda li kienu introdotti mir-Regolament (KE) Nru 1158/2005;

— Żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro – għall-indikaturi mhux domestiċi A-122, A-132 u A-312 kif ukoll għall-prezzijiet ta' importazzjoni A-340 issa trid ssir distinzjoni għall-komponenti li jistgħu jiġu attribwiti lill-pajjiżi taż-żona ta' l-euro u lill-pajjiżi li mhumiex taż-żona ta' l-euro (pajjiżi li mhumiex ta' l-UE u Stati Membri ta' l-UE li mhumiex membri ta' l-EMU);

— L-iskadenza tat-trażmissjoni tad-data – għall-indikaturi, fejn id-data trid tiġi trażmessa b'iqsar dewmien minn qabel; id-dewmien il-ġdid huwa indikat ukoll u għall-pajjiżi li huma taħt ċertu limiti, fit-tabella jiġi rispettat dewmien addizzjonali ta' 15-il jum mogħti mir-Regolament ta' l-STS;

— Il-frekwenza fix-xahar tad-data – tapplika għal indikaturi li issa m'għadx iridu jkunu provduti aktar bi frekwenza ta' kull tliet xhur imma b'waħda ta' kull xahar.

"L-ambitu tad-data" fit-tielet kolonna jirreferi għall-kodiċi tan-NACE rev. 1.1 jew tas-CPA li huma meħtieġa għal kull indikatur mir-Regolament ta' l-STS. Jekk deroga tapplika biss għal parti tal-kodiċi tan-NACE/tas-CPA meħtieġa għal indikatur u għal pajjiż jew hemm diversi derogi għall-istess indikatur, il-kodiċi rilevanti huma speċifikati hawnhekk u għandhom id-dati korrispondenti tagħhom fil-kolonni li ġejjin.

Ir-raba'kolonna fiha "il-perjodu ta' tmiem it-tranżizzjoni". Din hija data pjuttost formali, meta tiskadi d-deroga u l-pajjiż ikun obbligat jikkonforma b'mod sħiħ mar-Regolament ta' l-STS fl-aspett kopert mid-deroga.

"L-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda" tfisser l-ewwel perjodu ta' referenza li għalih l-Istati Membri jkollhom jipprovdu d-data skond l-emendi għar-Regolament ta' l-STS li saru mir-Regolament (KE) Nru 1158/2005. Għall-erba' suġġetti possibbli tad-derogi li ġew speċifikati aktar 'il fuq ifisser, rispettivament:

— L-ewwel perjodu ta' referenza, li għalih trid tkun provduta d-data f'każ ta' indikaturi ġodda;

— L-ewwel perjodu ta' referenza, li għalih trid issir qasma għall-pajjiżi taż-żona ta' l-euro u għall-pajjiżi li mhumiex taż-żona ta' l-euro f'każ ta' indikaturi li mhumiex domestiċi;

— L-ewwel perjodu ta' referenza, li għalih trid tkun provduta d-data b'iqsar dewmien;

— L-ewwel perjodu ta' referenza (xahar), li għalih il-provvista tad-data trid tinbidel minn frekwenza ta' kull tliet xhur għal waħda ta' kull xahar.

L-aħħar kolonna tispeċifika l-ewwel skadenza tat-trażmissjoni tad-data wara li tiskadi d-deroga. Din l-iskadenza hija daqs l-iskadenza tad-deroga għall-ewwel konsenja tad-data u għaż-żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro. Għal iqsar dewmien fit-trażmissjoni tad-data, id-data f'din il-kolonna hija daqs l-ewwel skadenza regolari tat-trażmissjoni tad-data wara li tiskadi d-deroga.

Id-dati kollha huma provduti fil-format jj/xx/ssss għal ta' kuljum, xx/ssss għal ta' kull xahar u x tliet xhur/ssss għal dati ta' kull tliet xhur.

Il-pajjiżi huma elenati skond l-ordni alfabetiku ta' ismijiethom fl-ilsien uffiċjali rispettiv, jiġifieri l-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, ir-Renju Unit. M'hi provduta l-ebda tabella għall-pajjiżi li ma ngħataw l-ebda deroga.

## IL-BELĠJU

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-122 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-132 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 17, 18, 21, 24, 27, 28, 31, 32, 34 tan-NACE | 30/06/2006 | 01/2005 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 14, 15, 16, 17, 18, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 34, 36, 40 tan-NACE | 30/06/2006 | 01/2005 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 14.22, 14.30, 14.50, 15.32, 15.51, 16.00, 17.10, 19.20, 21.25, 24.13, 24.14, 24.16, 24.41, 24.42, 24.66, 25.13, 26.12, 26.14, 26.15, 26.70, 28.62, 29.52, 34.10, 34.30, 36.11, 36.22 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/06/2006 | 01/2006 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | t-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |

**ID-DANIMARKA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| B-110 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 30/03/2007 |
| B-115 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 30/03/2007 |
| B-116 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 30/03/2007 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |

**IL-ĠERMANJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 72, 74.5 tan-NACE | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |
| | | 74 tan-NACE (ħlief għal 74.5) | 31/08/2007 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 31/08/2007 |

**L-ESTONJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 74.11-14 tan-NACE | 31/08/2007 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 31/08/2007 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

## IL-GREĊJA

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 06/2007 | 30/08/2007 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 06/2007 | 30/08/2007 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 06/2007 | 30/08/2007 |
| B-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | it-tieni tliet xhur/2007 | 15/09/2007 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2010 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2010 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

## SPANJA

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro/non-euro-zone | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/11/2006 | 01/2005 | 30/11/2006 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | il-kodiċi tal-prodotti kollha tas-CPA meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/11/2006 | 01/2006 | 30/11/2006 |
| B-110 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| B-115 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| B-116 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/06/2007 |

**FRANZA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 10.10, 11.10, 13.10, 15.11, 15.12, 15.20, 15.33, 15.41, 15.51, 15.84, 15.86, 15.89, 15.91, 16.00, 17.20, 17.40, 17.54, 17.72, 18.22, 18.23, 18.24, 19.20, 19.30, 20.10, 20.20, 20.30, 20.51, 21.21, 21.22, 21.25, 23.20, 24.13, 24.14, 24.41, 24.42, 24.52, 24.66, 25.11, 25.13, 25.21, 25.24, 26.12, 26.13, 26.14, 26.15, 26.21, 26.26, 26.51, 26.81, 26.82, 27.10, 27.42, 27.44, 28.62, 28.63, 28.74, 28.75, 29.11, 29.12, 29.13, 29.14, 29.22, 29.23, 29.24, 29.42, 29.52, 29.56, 29.71, 30.01, 30.02, 31.10, 31.20, 31.30, 31.61, 31.62, 32.10, 32.20, 32.30, 33.10, 33.20, 33.40, 33.50, 34.10, 34.30, 36.11, 36.14, 36.22, 36.30, 36.40, 36.50, 36.61, 36.63 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 15/03/2006 | 01/2006 | 15/03/2006 |
| | | il-kodiċijiet tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

## L-IRLANDA

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 25 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | 06/2006 | 25/08/2006 |
| A-122 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-132 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 18, 24, 30, 31, 32, 33 tan-NACE | 31/03/2006 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 10, 13, 14, 15, 22, 24, 30, 32, 33 tan-NACE | 30/11/2006 | 01/2005 | 30/11/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 15.13, 15.84, 21.21, 21.22, 21.25, 24.52, 28.11, 30.02, 32.10, 32.20, 33.10 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/11/2006 | 01/2006 | 30/11/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| B-110 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | Q4/2006 | 02/03/2007 |
| B-115 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | Q4/2006 | 02/03/2007 |
| B-116 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 30/03/2007 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | Q4/2006 | 02/03/2007 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |

**L-ITALJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 10 ijiem | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/11/2006 | 10/2006 | 10/12/2006 |
| A-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 11/08/2006 |
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/10/2006 | 01/2005 | 31/10/2006 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | il-kodiċi kollha tal-prodotti tas-CPA meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| B-110 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2005 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| B-115 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2005 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| B-116 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2005 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| B-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 64.11, 64.12 tan-NACE | 31/03/2008 | l-ewwel tliet xhur/2006 | 31/03/2008 |
| | | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | 72 tan-NACE | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2006 | 11/08/2008 |

**ĊIPRU**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 30 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/04/2007 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/05/2007 |
| B-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 15/09/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

**IL-LATVJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

**IL-LITWANJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 72, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |

**IL-LUSSEMBURGU**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 27.1 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/06/2006 | 01/2006 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2010 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2010 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

**L-UNGERIJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2010 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2010 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

**MALTA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/06/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/06/2008 |

**L-OLANDA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-122 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/03/2006 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| A-132 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 21, 24, 28, 29, 30, 32, 33 tan-NACE | 28/02/2006 | 01/2005 | 28/02/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux | 11, 14, 15, 16, 21, 22, 23, 24, 28, 30, 32, 33 tan-NACE | 28/02/2006 | 01/2005 | 28/02/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2006 | 01/2006 | 15/03/2006 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2006 | 01/2006 | 15/03/2006 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2006 | 01/2006 | 15/03/2006 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 74 tan-NACE | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/06/2007 |

**L-AWSTRIJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 25 jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 06/2007 | 25/08/2007 |
| A-122 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/03/2006 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| A-132 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/03/2006 | 01/2005 | 31/03/2006 |
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/11/2006 | 01/2005 | 30/11/2006 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 15.12, 20.30, 26.13, 28.11, 28.74, 31.61, 32.20, 36.40, 36.61, 40.11 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/06/2006 | 01/2006 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| D-120 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS (ħlief għall-50 u għall-51 tan-NACE) | 30/04/2006 | l-ewwel tliet xhur/2006 | 31/05/2006 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS (ħlief għall-50 u għall-51 tan-NACE) | 30/04/2006 | l-ewwel tliet xhur/2006 | 31/05/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/06/2007 |

**IL-POLONJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 72 tan-NACE | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |
| | | 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

**IL-PORTUGALL**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 15.71, 15.83 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/06/2006 | 01/2006 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |

**IS-SLOVENJA**

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2010 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2010 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |

## IS-SLOVAKKJA

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74.11-14, 74.3 tan-NACE | 11/08/2010 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2010 |
| | | 72.1, 72.4, 72.6 | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/06/2007 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 30/06/2007 |

## IL-FINLANDJA

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| A-122 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 30/06/2006 | 01/2005 | 30/06/2006 |
| A-132 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 21, 24, 27, 29, 30, 31, 32 tan-NACE | 30/06/2006 | 01/2005 | 30/06/2006 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-312 | żona ta' l-euro maqsuma/mhux żona ta' l-euro | 10, 13, 14, 20, 21, 23, 27, 29, 32 tan-NACE | 28/02/2007 | 01/2005 | 28/02/2007 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2005 | 11/08/2007 |
| A-340 | konsenja ta' l-ewwel data | 13.20, 14.22, 20.20, 25.21, 26.26, 29.22, 32.30, 36.14, 36.40, 40.11 tas-CPA għall-importazzjonijiet li ġejjin minn barra ż-żona ta' l-euro | 30/03/2006 | 01/2006 | 30/03/2006 |
| | | il-kodiċi tas-CPA kollha li għandhom numri b'żewġ ċifri meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2007 | 01/2006 | 11/08/2007 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 61.1, 62.1, 63, 74 tan-NACE | 31/10/2006 | l-ewwel tliet xhur/2006 | 31/10/2006 |

## IR-RENJU UNIT

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| B-110 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-110 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |

| il-varjabbli | is-suġġett tad-deroga | l-ambitu tad-data | tmiem il-perjodu transitorju | l-ewwel perjodu ta' referenza għar-regoli l-ġodda | l-ewwel konsenja tad-data skond ir-regoli l-ġodda |
|---|---|---|---|---|---|
| B-115 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-115 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| B-116 | frekwenza fix-xahar tad-data | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 31/12/2006 | 01/2005 | 15/03/2007 |
| B-116 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahar u 15-il jum | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 28/02/2007 | 01/2007 | 15/03/2007 |
| C-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-210 | skadenza tat-trażmissjoni tad-data ta' xahrejn | l-attivitajiet kollha tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2006 | it-tieni tliet xhur/2006 | 31/08/2006 |
| D-310 | konsenja ta' l-ewwel data | 63, 74 tan-NACE | 11/08/2009 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2009 |
| | | il-kodiċi kollha ta' attività l-oħra tan-NACE meħtieġa mir-Regolament ta' l-STS | 11/08/2008 | l-ewwel tliet xhur/2007 | 11/08/2008 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1503/2006

## tat-28 ta' Settembru 2006

## li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-*data*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(b)-(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għal żmien qasir dwar iċ-ċiklu tan-negozju u stabbilixxa il-varjabbli meħtieġa.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 introduċa varjabbli ġodda u impona obbligi ġodda fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-ġbir tad-*data*.

(3) Bħala konsegwenza, hemm il-ħtieġa ta' implimentazzjoni tal-miżuri kif ukoll ta' emendi għar-Regolament (KE) Nru 1165/98 fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-*data*.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 588/2001 tas-26 ta' Marzu 2001 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli ([2]) għandu għalhekk ikun mibdul b'dan ir-Regolament.

(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku.

([1]) ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 1).

([2]) ĠU L 86, 27.3.2001, p. 18.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Id-Definizzjonijiet tal-varjabbli**

1. Id-definizzjonijiet tal-varjabbli stabbiliti fl-Annessi A sa D tar-Regolament (KE) Nru 1165/98, kif ukoll l-għanijiet, il-karatteristiċi u l-metodi ta' kalkolazzjoni ta' l-indiċi rilevanti, huma mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jibdew japplikaw dawn id-definizzjonijiet għall-ġbir tad-*data* ta' l-istatistika mhux iktar tard minn sena wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

3. Il-konformità sħiħa ma' dawn id-definizzjonijiet għandha tinkiseb mhux aktar tard mir-reviżjoni li jmiss tas-sena bażi, kif provdut fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1165/98.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-*data* attwali ta' l-istatistika li taqa' taħt ir-Regolament (KE) 1165/98 tkun riveduta permezz ta' kalkolazzjoni mill-ġdid jew permezz ta' stima sabiex jitħarsu dawn id-definizzjonijiet.

5. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-konformità tad-*data* ta' l-istatistika mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Riżultati ta' varjabbli li ma jkunx ivarja b'iktar minn 0.2 % mir-riżultati ta' varjabbli li jkun konformi mad-definizzjonijiet tal-varjabbli stabbiliti fl-Anness I għandhom jitqiesu li huma konformi.

*Artikolu 2*

**L-Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1165/98**

L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Ir-Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 588/2001 huwa revokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Id-Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

## DEFINIZZJONI TA' L-GĦANIJIET U KARATTERISTIĊI TAL-VARJABBLI

**Varjabbli: 110 Produzzjoni**

L-għan ta' l-indiċi tal-produzzjoni huwa li jkejjel il-bidliet fil-volum tal-produzzjoni f'intervalli li jkunu qrib xulxin u regolari, normalment ta' xahar. Jipprovdi kejl tat-tendenza tal-volum f'valur miżjud fuq perjodu ta' referenza li jkun determinat ([1]).

L-indiċi tal-produzzjoni huwa kejl teoretiku li għandu jiġi kkalkolat bejn wieħed u ieħor permezz ta' miżuri prattiċi.

Il-valur miżjud fuq il-prezzijiet bażiċi ([2]) jista' jiġi kkalkolat mid-dħul totali (minbarra l-VAT u taxxi oħra simili li jitnaqqsu u li huma direttament marbuta mad-dħul), biż-żieda tal-produzzjoni mdawra f'kapital, biż-żieda ta' dħul ieħor ta' operat u biż-żieda jew bit-tnaqqis tal-bdil fl-istokk, bit-tnaqqis tax-xiri ta' l-oġġetti u s-servizzi, bit-tnaqqis tat-taxxi fuq prodotti li huma direttament marbuta mad-dħul iżda li ma jitnaqqsux u biż-żieda ta' kwalunkwe sussidju fuq il-prodotti.

Id-dħul u l-infiq li fil-kontijiet tal-kumpanija jkun klassifikat bħala finanzjarju jew straordinarju huwa eskluż mill-valur miżjud.

Għalhekk, is-sussidji fuq il-prodotti huma inklużi fil-valur miżjud fil-prezzijiet bażiċi, filwaqt li t-taxxi kollha fuq il-prodotti huma esklużi.

Il-valur miżjud huwa kkalkolat "gross" peress li l-aġġustamenti tal-valur (bħad-deprezzament) ma jitnaqqsux.

Nota: it-taxxi indiretti jistgħu jinqasmu fi tliet gruppi.

(i) L-ewwel wieħed jinkludi l-VAT u taxxi oħra li jitnaqqsu li huma direttament marbuta mad-dħul (li huma esklużi mid-dħul). Dawn it-taxxi jinġabru fi stadji differenti mill-intrapriża u jitħallsu b'mod sħiħ mix-xerrej finali.

(ii) It-tieni grupp għandu x'jaqsam mat-taxxi u d-dazji l-oħra kollha fuq prodotti li huma jew (1) marbuta mad-dħul u mhux imnaqqsa jew huma (2) taxxi fuq prodotti mhux marbuta mad-dħul. Hawnhekk huma inklużi taxxi u dazji fuq importazzjonijiet u taxxi li jkunu jridu jitħallsu b'konsegwenza tal-produzzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ, it-trasferiment, il-kiri jew il-ġarr ta' oġġetti u servizzi jew b'konsegwenza ta' l-użu tagħhom għall-konsum proprju jew għall-ħolqien ta' kapital.

(iii) It-tielet grupp għandu x'jaqsam ma' taxxi oħra fuq il-produzzjoni, li jinkludu t-taxxi kollha li l-intrapriżi jkollhom iħallsu bħala konsegwenza ta' l-operat tagħhom fil-produzzjoni, irrispettivament mill-kwantità jew valur ta' l-oġġetti jew servizzi li jipproduċu jew li jbigħu. Dawn it-taxxi jista' jkunu fuq it-tħaddim ta' l-impjegati, il-proprjetà u l-użu ta' l-art, bini jew assi oħra użati fil-produzzjoni.

Il-formula teoretika għall-indiċi tal-produzzjoni (Q) hija indiċi tal-volum tat-tip Laspeyres, jiġifieri

$$Q_t^L = \frac{\sum_{i=1}^{N} p_{i,0} \times q_{i,t} - \sum_{j=1}^{M(t)} a_{j,0} \times \delta_{j,t}}{\sum_{i=1}^{N} p_{i,0} \times q_{i,0} - \sum_{j=1}^{M(0)} a_{j,0} \times \delta_{j,0}}$$

fejn *q* – kwantità prodotta, *p* – prezz tal-prodotti, *a* - prezzijiet ta' l-*input* u δ - kwantitajiet ta' l-*input, i* – wieħed mill-prodotti N, *j* – wieħed mill-*input* M, 0 – perjodu bażiku, *t* – perjodu preżenti.

---

([1]) It-terminu "indiċi tal-produzzjoni" li normalment jinftiehem bħala indiċi ta' "żvilupp tal-valur miżjud" imur kontra d-definizzjoni ta' "produzzjoni" li hemm fil-qafas tal-kontijiet nazzjonali jew fl-istatistika strutturali tan-negozju, iżda madankollu dan it-terminu huwa t-terminu li tradizzjonalment jintuża fil-qasam ta' l-istatistika tan-negozju. It-terminu "indiċi ta' valur miżjud" qatt ma jintuża fil-prattika. Peress li l-indiċi jsegwi l-iżvilupp tal-produzzjoni fi prezzijiet li ma jvarjawx, xi kultant jintuża t-terminu "indiċi tal-volum tal-produzzjoni". It-terminu indiċi tal-produzzjoni f'dan it-test jintuża dejjem bħala indiċi ta' kwantità, jiġifieri fi prezzijiet li ma jvarjawx.

([2]) Il-produzzjoni u għalhekk il-valur miżjud fi prezzijiet bażiċi hija l-istima adottata f'ESA95. Il-prezz bażiku jeskludi t-taxxi kollha fuq il-prodotti, iżda ma jipprovax jeskludi taxxi oħra fuq il-produzzjoni bħal fl-ewwel kunċett tal-valur miżjud għall-ispiża tal-fattur. Jekk il-valur miżjud fi prezzijiet bażiċi ma jkunx disponibbli, ngħidu aħna minghand l-Istatistika Strutturali tan-Negozju, il-valur miżjud gross għall-ispiża tal-fattur jista' jintuża minfloku.

Madankollu, id-*data* meħtieġa għall-ġbir ta' tali indiċi m'hijiex disponibbli fuq bażi ta' kull xahar. Fil-prattika, għall-kontinwazzjoni ta' dawn l-indiċi jistgħu minflok jintużaw dawn il-valuri xierqa:

— Kontinwazzjoni b'valuri tal-produzzjoni bil-grossa (imnaqqsa),

— Kontinwazzjoni bil-volumi,

— Kontinwazzjoni bid-dħul (imnaqqas),

— Kontinwazzjoni bix-xogħol li jsir,

— Kontinwazzjoni bl-*input* ta' materja prima,

— Kontinwazzjoni bl-*input* ta' l-enerġija.

Skond il-metodu ta' approssimazzjoni li jkun użat, l-indiċi tal-produzzjoni għandu jqis:

— Il-varjazzjonijiet fit-tip u l-kwalità tal-prodotti u tat-tidħil tal-materjal,

— Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti lesti u xogħol li jkun qed isir fuq oġġetti u servizzi,

— Il-bidliet fir-relazzjonijiet tekniċi bejn dak li jiġi mdaħħal u dak li jiġi prodott (tekniċi ta' ipproċessar),

— Is-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-ksib tal-valur miżjud, bħall-ġbir ta' unitajiet ta' produzzjoni, immuntar, installazzjonijiet, tiswijiet, ippjanar, inġinerija, ħolqien ta' *software*.

**Varjabbli: 115 Produzzjoni ta' kostruzzjoni tal-bini**

**Varjabbli: 116 Produzzjoni ta' inġinerija ċivili**

L-għanijiet u l-karatteristiċi ta' l-indiċi għall-varjabbli 110 (produzzjoni) japplikaw ukoll għall-indiċi tal-varjabbli dwar il-kostruzzjoni tal-bini u l-inġinerija ċivili.

Id-differenza tal-produzzjoni bejn il-kostruzzjoni tal-bini u l-inġinerija ċivili hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tat-tipi ta' kostruzzjoni (CC). Dawn l-indiċi għandhom l-għan li juru l-iżvilupp tal-valur miżjud għal kull waħda miż-żewġ Taqsimiet fil-kostruzzjoni, jiġifieri il-bini u x-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili. Dawn l-indiċi jiġu kkalkolati billi tiġi assenjata l-informazzjoni bażika (produzzjoni mnaqqsa, sigħat maħduma, awtorizzazzjonijiet/permessi) għall-prodotti fis-CC u mbagħad jiġu miġbura l-indiċi tal-prodott għal-livell tat-Taqsima skond is-CC.

**Varjabbli: 120 Il-valur tal-bejgħ**

L-għan ta' l-indiċi tal-valur tal-bejgħ huwa li juri l-iżvilupp tas-suq għall-oġġetti u għas-servizzi.

Il-valur tal-bejgħ ([1]) jinkludi t-totali mniżżla fil-fatturi mill-unità ta' osservazzjoni matul il-perjodu ta' referenza, u dan jikkorrispondi mal-bejgħ ta' oġġetti u servizzi fis-swieq li jiġu fornuti lil partijiet terzi. Il-valur tal-bejgħ jinkludi wkoll il-bidliet l-oħra kollha (it-trasport, l-ippakkjar, eċċ) li jgħaddu għand il-konsumatur, anke jekk dawn il-bidliet ikunu elenkati b'mod separat fil-fattura.

Il-valur tal-bejgħ jeskludi l-VAT u taxxi oħra simili li jitnaqqsu u li huma direttament marbuta mal-valur tal-bejgħ. Jeskludi wkoll id-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti jew servizzi li l-unità tkun għamlet fattura tagħhom.

It-tnaqqis fil-prezzijiet, l-iskontijiet u r-roħs kif ukoll il-valur ta' l-ippakkjar ippreżentat lura, għandhom jiġu mnaqqsa. It-tnaqqis fil-prezzijiet, l-iskontijiet u l-bonus li jingħata suċċessivament lill-klijenti, per eżempju fl-aħħar tas-sena, ma jiġux ikkunsidrati.

Id-dħul klassifikat bħal dħul ta' l-operat, dħul finanzjarju jew dħul straordinarju fil-kontijiet tal-kumpanija huwa eskluż mill-valur tal-bejgħ. Skond din id-definizzjoni, il-punti li ġeneralment ikunu inklużi huma:

— Bejgħ ta' prodotti manifatturati,

— Bejgħ ta' prodotti manifatturati minn sottokuntratturi,

— Bejgħ ta' oġġetti akkwistati biex jinbiegħu lil ħaddieħor fl-istess kondizzjoni bħalma jkunu ġew riċevuti,

— Servizzi provduti li ssir fattura tagħhom,

— Bejgħ ta' prodotti sekondarji,

— Ħlasijiet iċċarġjati għall-ippakkjar u t-trasport li ssir fattura tagħhom,

— Sigħat maħduma għal partijiet terzi li tagħhom issir fattura, għax-xogħol dan japplika għas-sottokuntrattar,

— Immuntar, installazzjonijiet u tiswijet li tagħhom ssir fattura,

([1]) L-espressjonijiet "valur tal-bejgħ" u "bejgħ" normalment jintużaw bħala sinonimi fil-kuntest ta' l-istatistika għal żmien qasir.

— Installazzjonijiet li tagħhom issir fattura (ħlasijiet fi stadji differenti),

— Żvilupp ta' *software* u ta' liċenzji ta' *software* li tagħhom issir fattura,

— Bejgħ ta' forniment ta' enerġija elettrika, gass, sħana, fwar u ilma,

— Bejgħ ta' materjali skartati u ruttam,

— Sussidji fuq il-prodotti (1).

Jekk id-dħul klassifikat jiġi trattat bħala "dħul ieħor ta' l-operat, dħul finanzjarju u dħul straordinarju" fil-kontijiet tal-kumpanija (2), il-punti li normalment ikunu esklużi huma:

— VAT u taxxi oħra simili li jitnaqqsu u li huma direttament marbuta mal-valur tal-bejgħ, id-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti jew servizzi li l-unità tagħmel fattura tagħhom

— Kummissjonijiet,

— Kera u flus tal-kera,

— Kera għal unitajiet interni ta' produzzjoni u magni jekk użati minn partijiet terzi,

— Kera ta' postijiet li jkunu proprjetà tal-kumpanija,

— Irċevuti għal multi tal-liċenzja,

— Irċevuti miġbura minn faċilitajiet għall-ħaddiema (per eżempju mill-kantin tal-fabbrika),

— Il-forniment ta' prodotti u servizzi fi ħdan l-unità ta' osservazzjoni,

— Bejgħ ta' art li tagħha jkun is-sid u bejgħ ta' assi immobbli,

— Bejgħ jew kera ta' proprjetajiet li tagħhom ikun is-sid,

— Bejgħ ta' ishma,

— Irċevuti ta' interessi u dividendi,

— Dħul ieħor straordinarju.

Il-punti ta' hawn fuq jistgħu jiġu inklużi jekk jiġġeneraw valur ta' bejgħ fil-qasam ewlieni ta' l-operat ta' l-unità ta' osservazzjoni.

**Varjabbli: 121 Il-valur tal-bejgħ domestiku**

**Varjabbli: 122 Il-valur tal-bejgħ mhux domestiku**

L-għanijiet u l-karatteristiċi ta' l-indiċi għall-varjabbli 120 (valur tal-bejgħ) japplikaw ukoll għall-indiċi tad-distinzjoni bejn il-valur tal-bejgħ domestiku u mhux domestiku.

L-indiċi tal-valur tal-bejgħ domestiku u mhux domestiku jeħtieġu li l-valur tal-bejgħ jinqasam skond l-ewwel destinazzjoni tal-prodott li tkun ibbażata fuq il-bidla tal-proprjetà (kemm jekk ikun hemm ċaqliq fiżiku ta' l-oġġetti bejn il-fruntieri u kemm jekk ma jkunx hemm). Id-destinazzjoni tiġi determinata skond ir-residenza tal-parti terza li tkun xtrat l-oġġetti jew is-servizzi. Id-definizzjoni tas-suq domestiku hija dik ta' partijiet terzi residenti fl-istess territorju nazzjonali bħal dak ta' l-unità ta' osservazzjoni. Il-valur tal-bejgħ mhux domestiku huwa ulterjorment maqsum f'valur tal-bejgħ imqassam fil-pajjiżi taż-żona ta' l-Euro (122z) u l-valur tal-bejgħ mhux domestiku l-ieħor kollu (122x).

**Varjabbli: 123 Il-volum tal-bejgħ**

Il-volum tal-bejgħ jirrappreżenta l-valur tal-bejgħ fi prezzijiet li ma jvarjawx u għalhekk huwa indiċi ta' kwantità. Jista' jiġi kkalkolat bħala valur tal-bejgħ fi prezzijiet preżenti, imnaqqas mit-tnaqqis tal-bejgħ, jew bħala indiċi ta' kwantità li jirriżulta direttament mill-kwantità ta' l-oġġetti mibjugħa.

L-informazzjoni dwar il-volum tal-bejgħ (varjabbli 123) tista' tintuża minflok id-deflator tal-bejgħ (varjabbli 330) f'Anness C tar-Regolament tal-Kunsill 1165/98: Negozju bl-imnut u tat-tiswija.

---

(1) Jekk is-sussidji fuq il-prodotti jkunu diffiċli li jitkejlu jistgħu jitħallew barra għall-għanijiet tal-kalkolu ta' l-indiċi matul iż-żmien.

(2) Ir-regoli nazzjonali tal-kontijiet għandhom jintużaw bħala prinċipji ta' gwida dwar x'għandu jkun inkluż u eskluż.

**Varjabbli: 130 L-ordnijiet ġodda rċevuti**

L-għan ta' l-indiċi ta' l-ordnijiet ġodda rċevuti huwa li juri l-iżvilupp tad-domanda għall-prodotti u s-servizzi bħala indikazzjoni tal-produzzjoni tal-ġejjieni. Huwa wkoll xieraq sabiex jindika jekk id-domanda tkunx ġejja mis-suq domestiku jew mis-suq mhux domestiku.

L-ordni hija definita bħala l-valur tal-kuntratt li jorbot prodottur ma' parti terza fir-rigward tal-forniment ta' oġġetti u servizzi min-naħa tal-prodottur. L-ordni tkun aċċettata jekk, fil-fehma tal-produttur, ikun hemm evidenza biżżejjed għal ftehim validu.

Ordinijiet ġodda jirreferu għal oġġetti u servizzi li jridu jiġu provduti mill-unità ta' osservazzjoni, inkluż dawk li jkunu ġejjin minn sottokuntratturi.

Il-punti li ġejjin għandhom jitnaqqsu mill-valur ta' l-ordnijiet:

— VAT u taxxi oħra simili li jitnaqqsu u li huma marbuta direttament mal-valur tal-bejgħ,

— Id-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti jew is-servizzi li tagħhom l-unità tkun se tagħmel fattura,

— Tnaqqis fil-prezzijiet, skontijiet, u roħs meta dawn jingħataw fil-mument ta' l-ordni kif ukoll il-valur ta' l-ippakkjar li jkun mistenni li jingħata lura wara li tkun saret il-kunsinna,

Ordnijiet ta' perjodi preċedenti li jkunu ġew ikkanċellati matul il-perjodu ta' referenza m'għandhomx jitnaqqsu mill-ordnijiet ġodda rċevuti u lanqas m'għandu jiġi rivedut l-indiċi għall-perjodi preċedenti minħabba l-kanċellazzjonijiet.

Il-valur ta' l-ordnijiet ġodda rċevuti jinkludi wkoll l-ispejjeż l-oħra kollha (ta' trasport, ippakkjar, eċċ.) li jgħaddu għandu il-konsumatur, anke jekk dawn l-ispejjeż ikunu se jiġu elenkati b'mod separat fil-fattura.

**Varjabbli: 131 L-ordnijiet ġodda domestiċi**

**Varjabbli: 132 L-ordnijiet ġodda mhux domestiċi**

L-għanijiet u l-karatteristiċi ta' l-indiċi għall-varjabbli 130 (ordnijiet ġodda rċevuti) japplikaw ukoll għall-indiċi tad-distinzjoni bejn l-ordnijiet ġodda domestiċi u mhux domestiċi.

L-indiċi ta' l-ordnijiet ġodda domestiċi u mhux domestiċi rċevuti jeħtieġu li l-ordnijiet ġodda rċevuti jinqasmu skond l-oriġini ta' l-ordni fuq il-bażi tal-bidla tal-proprjetà. L-orġini tiġi determinata skond ir-residenza tal-parti terza li tkun għamlet l-ordni. Id-definizzjoni tas-suq domestiku hija dik ta' partijiet terzi residenti fl-istess territorju ekonomiku (ara d-definizzjoni ta' territorju ekonomiku fl-aħħar ta' l-Anness) bħal dak ta' l-unità ta' osservazzjoni. Ordnijiet ġodda mhux domestiċi huma ulterjorment maqsuma f'ordnijiet irċevuti minn pajjiżi taż-żona ta' l-Euro (132z) u l-ordnijiet mhux domestiċi l-oħra kollha (132x).

**Varjabbli: 210 In-numru ta' persuni impjegati**

L-għan ta' l-indiċi tan-numru ta' persuni impjegati huwa li juri l-iżvilupp ta' l-impjiegi fl-industrija, fil-kostruzzjoni u fis-servizzi.

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħala n-numru totali ta' persuni li jaħdmu fl-unità ta' osservazzjoni (inklużi s-sidien tax-xogħol, l-imsieħba li jaħdmu regolarment fl-unità u l-ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux), kif ukoll il-persuni li jaħdmu barra l-unità iżda li jagħmlu parti minnha u jitħallsu minnha (eż. rappreżentanti tal-bejgħ, ħaddiema li jaħdmu fil-qasma tal-kunsinni u timijiet ta' manutenzjoni). Jinkludi wkoll persuni li jkunu nieqsa għal perjodu qasir ta' żmien (eż. lif tal-mard, lif imħallas, jew lif speċjali), u anke dawk li jkunu fuq strajk, iżda mhux dawk li jkunu nieqsa għal perjodu indefinit ta' żmien. Jinkludi wkoll ħaddiema li jaħdmu *part-time* u li jitqiesu tali taħt il-liġijiet tal-pajjiż konċernat u li huma fil-lista tal-paga ta' l-unità, kif ukoll ħaddiema ta' l-istaġun, apprentisti u ħaddiema li jaħdmu mid-dar u li lkoll jitħallsu minnha.

In-numru ta' persuni impjegati jeskludi l-forza tax-xogħol provduta minn intrapriżi oħra, bħal persuni li jwettqu xi tiswijiet u xogħol ta' manutenzjoni fl-unità ta' osservazzjoni f'isem intrapriżi oħra, kif ukoll bħal dawk li jwettqu xogħol bħala parti mis-servizz militari obbligatorju.

Il-ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux jirreferu għal persuni li jgħixu mas-sid ta' l-unità u jaħdmu b'mod regolari għall-unità, iżda li ma jkollhomx kuntratt ta' servizz jew ma jirċevux somma fissa għall-ħidma li jwettqu. Dan huwa limitat għal dawk il-persuni li ma jkunux inklużi fil-lista tal-paga ta' xi unità oħra bħala parti mix-xogħol prinċipali tagħhom.

Skond din id-definizzjoni, il-gruppi inklużi huma:

— L-impjegati kollha mħallsa, inkluż il-kategoriji li ġejjin kemm-il darba dawn ikunu inklużi fil-lista tal-paga:

    — Ħaddiema li jaħdmu mid-dar,

    — Apprentisti/nies li qed jitħarrġu għal xi xogħol,

    — Is-sidien li jaħdmu u jitħallsu u l-ħaddiema tal-familja li jitħallsu,

  - Persuni li jkunu fuq lif temporanju (tal-maternità, tal-mard, strajk, *lock-out*, eċċ.) għal perjodu definit ta' żmien,
  - Ħaddiema *part time*,
  - Ħaddiema temporanji,
  - Ħaddiema ta' l-istaġun,
- Persuni impjegati li ma jitħallsux:
  - Is-sidien (proprjetarji) li jaħdmu u ma jitħallsux,
  - Ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux ([1]).

Il-gruppi esklużi huma:

- Ħaddiema ta' l-aġenzija (għajr fl-attività li fiha jkunu klassifikati dawn l-aġenziji ta' impjiegi),
- Persuni fuq lif indefinit (eż. mard għal perjodu twil ta' żmien, servizz militari jew servizz soċjali),
- Persuni li jwettqu xogħol ta' tiswija jew ta' manutenzjoni f'isem unitajiet oħra ta' osservazzjoni u ħaddiema oħra li jkunu mislufa minn unitajiet oħra ta' osservazzjoni,
- Ħaddiema tal-familja inklużi fil-lista tal-paga ta' unità oħra bħala parti mix-xogħol prinċipali tagħhom.

In-numru ta' persuni impjegati għandu jkun determinat bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza.

**Varjabbli: 211 In-numru ta' impjegati**

In-numru ta' impjegati huwa użat bħala approssimazzjoni temporanja tan-numru ta' persuni impjegati.

In-numru ta' impjegati huwa definit bħala n-numru ta' dawk il-persuni li jaħdmu għal min iħaddimhom u li għandhom kuntratt tax-xogħol u jirċievu kumpens ta' dan fl-għamla ta' pagi, salarji, onorarji, tipps, ħlas bl-imqietgħa jew xi tip ta' rimunerazzjoni mhux fi flus.

Ikun hemm relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat meta jkun hemm ftehim, li jista' jkun formali jew informali, bejn intrapriża u persuna li għalih normalment iż-żewġ partijiet jidħlu b'mod volontarju, u fejn il-persuna taħdem għall-intrapriża biex tieħu lura ħlas fi flus jew mhux fi flus.

Il-ħaddiem jitqies bħala persuna li qed tieħu l-paga jew salarju ta' unità partikolari meta hu jew hi jirċievu paga jew salarju mill-unità irrispettivament minn fejn ikun qed isir ix-xogħol (ġewwa jew barra l-unità ta' produzzjoni). Ħaddiem minn aġenzija ta' l-impjiegi temporanji jitqies bħala impjegat ta' l-aġenzija ta' l-impjiegi temporanji u mhux ta' l-unità (il-konsumatur) li fiha jaħdem.

Skond din id-definizzjoni, il-gruppi inklużi huma:

- Sidien li jaħdmu u jitħallsu,
- Studenti li jimpenjaw ruħhom b'mod formali biex jikkontribwixxu għall-proċess tal-produzzjoni ta' l-unità u li lura jieħdu ħlas u/jew servizzi edukattivi,
- Impjegati li jaħdmu taħt kuntratt li jkun speċifikament maħsub biex iħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' persuni qiegħda,
- Ħaddiema li jaħdmu mid-dar jekk ikun hemm ftehim li l-ħaddiem li jaħdem mid-dar jitħallas fuq il-bażi tax-xogħol li jagħmel u li jkun inkluż fuq il-lista tal-pagi.

In-numru ta' impjegati jinkludi l-ħaddiema *part-time*, il-ħaddiema ta' l-istaġun, u l-persuni fuq strajk jew fuq perjodu qasir ta' lif, iżda jeskludi l-persuni li jkunu fuq lif għal perjodu twil ta' żmien.

In-numru ta' impjegati ma jinkludix il-ħaddiema li jaħdmu b'mod volontarju.

In-numru ta' impjegati għandu jkun determinat bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza.

---

([1]) Il-ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux ġew miżjuda għall-prinċipju għalkemm huwa diffiċli li wieħed jikseb figuri preċiżi.

**Varjabbli: 220 Sigħat maħduma**

L-għan ta' l-indiċi tas-sigħat maħduma huwa li juri l-iżvilupp fil-volum tax-xogħol imwettaq.

In-numru totali ta' sigħat maħduma jirrappreżenta n-numru sħiħ ta' sigħat li jkunu effettivament ġew maħduma għall-produzzjoni ta' l-unità ta' osservazzjoni matul il-perjodu ta' referenza ([1]).

Dan il-varjabbli jeskludi s-sigħat imħallsa iżda li ma jkunux effettivament ġew maħduma bħal ngħidu aħna il-lif annwali, il-vaganzi u l-lif tal-mard. Jeskludi wkoll il-brejks għall-ikel u l-ħin tal-vjaġġ bejn id-dar u l-post tax-xogħol.

Dan il-varjabbli jinkludi s-sigħat effettivament maħduma matul is-sigħat normali tax-xogħol; is-sigħat maħduma bħala żieda ma' dawk; il-ħin li wieħed iqatta' fuq il-post tax-xogħol biex iwettaq kompiti bħat-tħejjija tas-sit tax-xogħol u l-ħin użat għal waqfiet żgħar ta' mistrieħ fuq il-post tax-xogħol.

Jekk in-numru preċiż ta' sigħat effettivament maħduma ma jkunx magħruf, tista' ssir stima fuq il-bażi tan-numru normali ta' sigħat tax-xogħol u r-rata medja ta' nuqqas mill-post tax-xogħol (minħabba mard, maternità, eċċ.).

Skond din id-definizzjoni, il-punti inklużi huma:

— L-ammont totali ta' sigħat effettivament maħduma:

  — Matul is-sigħat regolari tax-xogħol,

  — Is-sigħat maħduma wara l-ħin, kemm jekk imħallsa u kemm jekk mhux imħallsa ([2]),

  — Fl-iljieli, fil-Ħdud u l-festi pubbliċi,

— Il-ħin li wieħed iqatta' fuq kompiti bħat-tħejjija, il-preparazzjoni, il-manutenzjoni u t-tindif ta' l-għodda u l-makkinarji u fil-mili ta' formoli u rapporti,

— Il-ħin li wieħed iqatta' fuq il-post tax-xogħol fejn ma jsir l-ebda xogħol minħabba, per eżempju, li l-magni ma jkunux qed jaħdmu, xi aċċident jew xi nuqqas okkażjonali ta' xogħol iżda li għalih il-ħaddiema jitħallsu skond il-kuntratt tax-xogħol,

— Il-perjodi qosra ta' waqfien għall-mistrieħ fuq il-post tax-xogħol, inkluż il-brejks għat-tè jew il-kafè.

Il-punti esklużi huma:

— Is-sigħat maħduma iżda li ma jiġux imħallsa minħabba lif, mard, aċċidenti, strajks, *lock-outs*, żmien fejn ma jkunx hemm attività, eċċ.,

— Il-ħin użat għall-brejks ta' l-ikel,

— Il-ħin użat għall-vjaġġ bejn id-dar u l-post tax-xogħol.

**Varjabbli: 230 Pagi u salarji**

L-għan ta' l-indiċi tal-pagi u s-salarji huwa li bejn wieħed u ieħor juri l-iżvilupp tal-kont tal-pagi u s-salarji.

Il-pagi u s-salarji huma definiti bħala r-rimunerazzjoni totali, fi flus jew mhux fi flus, li tingħata lill-persuni kollha li jidħlu fil-lista tal-paga (inklużi l-ħaddiema li jaħdmu mid-dar), bħala ħlas tax-xogħol imwettaq matul il-perjodu tal-kontijiet, irrispettivament jekk dan il-ħlas isirx skond il-ħin maħdum, il-produzzjoni jew ix-xogħol bl-imqiegħda u jekk isirx b'mod regolari.

Il-pagi u s-salarji jinkludu l-valur ta' kwalunkwe kontribuzzjoni soċjali, taxxi fuq id-dħul, eċċ. li jridu jitħallsu mill-impjegat anke jekk dawn effettivament jinżammu minn min iħaddem u jitħallsu direttament lill-iskemi tas-sigurtà soċjali, lill-awtoritajiet tat-taxxa, eċċ. f'isem l-impjegat. Il-pagi u s-salarji ma jinkludux l-kontribuzzjoni soċjali mħallsa minn min iħaddem.

Il-pagi u s-salarji jinkludu: il-flus mogħtija għal xi servizz, il-bonus, il-ħlasijiet ex gratia, il-ħlasijiet tat-13-il xahar, il-ħlasijiet ta' wara li l-kuntratt tax-xogħol ikun għalaq, il-ħlasijiet għall-alloġġ, għat-trasport, għall-għoli tal-ħajja, is-sussidji għall-familja, it-tipps, il-kummissjonijiet, l-onorarji għall-attendenza, eċċ. kollha li jirċievu l-impjegati, kif ukoll taxxi, kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u ammonti oħra li jridu jitħallsu mill-impjegat u li jinżammu minn min iħaddem.

Il-ħlasijiet għal ħaddiema ta' l-aġenzija m'humiex inklużi fil-pagi u s-salarji.

---

(1) Is-sigħat totali maħduma jistgħu jiġu kkalkolati bejn wieħed u ieħor permezz tas-sigħat maħduma mill-impjegati, għall-inqas fl-industrija.

(2) F'diversi Stati Membri huwa diffiċli li tinkiseb data dwar ix-xogħol li jsir wara l-ħin u ma jitħallasx, madankollu dan il-punt qed jiġi inkluż bħala prinċipju.

Skond din id-definizzjoni, il-punti inklużi huma:

- Il-pagi u s-salarji bażiċi kollha li jitħallsu f'perjodi regolari,
- Rati miżjuda ta' ħlas għax-xogħol wara l-ħin, għax-xogħol ta' bil-lejl, għax-xogħol fi tmiem il-ġimgħa, eċċ.,
- Kwalunkwe konċessjoni, ħlas għal xi servizz jew bonus li jitħallas minn min iħaddem, bħal:
  - L-għoli tal-ħajja, l-akkomodazzjoni, il-konċessjonijiet lokali jew ta' espatrijazzjoni,
  - Il-konċessjonijiet għall-ikel,
  - Il-konċessjonijiet għall-vjaġġ lejn u mix-xogħol,
  - Il-bonus tal-vaganzi, il-ħlas tat-13-il xahar,
  - Il-konċessjonijiet effettivament imħallsa għal vaganzi annwali li ma jkunux ittieħdu,
  - Il-produzzjoni jew il-bonus tal-produttività,
  - Il-konċessjonijiet żejda għal ħidma f'kondizzjonijiet estremi ta' xogħol bħal trab, ħmieġ, temperature għolja jew baxxa, duħħan, periklu, eċċ.,
  - Ħlasijiet eċċezzjonali għal impjegati li jħallu l-intrapriża, jekk dawn il-ħlasijiet ma jkunux marbuta ma' xi ftehim kollettiv,
  - Konċessjonijiet għal proposti ta' titjib u ħlasijiet għall-brevett lill-persuna impjegata,
  - Onorarji tad-diretturi u ta' l-impjegati,
  - Sussidji għall-familja mħallsa minn min iħaddem fi ħdan ftehim kollettiv,
- Kummissjonijiet,
- Il-valur ta' l-ishma mqassma bla ħlas u bħala bonus lill-impjegati,
- Ħlasijiet magħmula mill-impjegati lil min iħaddimhom bħala parti minn skemi ta' tfaddil jew skemi oħra,
- Taxxi, kontribuzzjonijiet, u somom oħra li jridu jitħallsu mill-impjegati u li jitnaqqsu minn min iħaddem,
- Kwalunkwe ħlas mhux fi flus.

Il-punti esklużi huma:

- Kontribuzzjoni soċjali ta' l-istat imħallsa minn min iħaddem,
- Kontribuzzjoni soċjali kuntrattwali jew volontarji mħallsa minn min iħaddem, taħt ftehim kollettiv,
- Kontribuzzjonijiet soċjali imputabbli (benefiċċji soċjali imħallsa direttament minn min iħaddem),
- Konċessjonijiet mogħtija lill-impjegati għax-xiri ta' għodda, tagħmir, u lbies speċjali meħtieġ għall-ħidma tagħhom jew dik il-parti tal-pagi u s-salarji li fil-kuntratt tagħhom hija maħsuba għal dan it-tip ta' xiri,
- Taxxi mħallsa minn min iħaddem fuq it-total ta' pagi u salarji mħallsa,
- Ir-rimborż ta' l-impjegati għall-ivjaġġar, għat-tneħħija mill-impjieg, għas-separazzjoni, għall-ispejjeż f'lukandi u divertiment, għall-kontijiet tat-telefon eċċ, li dawn jonfqu waqt it-twettiq tal-ħidma tagħhom,
- L-infiq f'taħriġ vokazzjonali (l-ispejjeż tat-taħriġ), għajr il-pagi u s-salarji ta' l-apprendistat,
- Il-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas f'każ ta' mard, inċident fuq il-post tax-xogħol, lif għall-maternità jew xogħol għal perjodu qasir ta' żmien,
- Spejjeż oħra tax-xogħol li jridu jiġu mħallsa minn min iħaddem:
  - Spejjeż tar-reklutaġġ,
  - Spejjeż soċjali bħar-rimborż tan-nefqa preżenti fuq it-trasport ta' l-impjegati lejn u mill-post tax-xogħol, kemm jekk dan isir bil-mezzi tat-trasport ta' l-intrapriża stess u kemm jekk isir minn partijiet terzi f'isem l-intrapriża, ħlasijiet għall-fondi tat-trejd unjons,
- L-għażliet ta' l-istokk [1].

[1] L-għażliet ta' l-istokk ġew esklużi prinċipalment minħabba raġunijiet prattiċi marbuta mad-diffikultajiet biex issir definizzjoni armonizzata u biex isir ġbir ta' data għalkemm normalment dawn jitqiesu bħala kumpens għax-xogħol li jkun relatat mar-rendiment totali tal-kumpanija.

Biex issir stima tal-ħlasijiet mhux fi flus, għandha tapplika din ir-regola li ġejja: ħlasijiet mhux fi flus li jikkonsistu f'oġġetti prodotti minn min iħaddem għandhom jingħataw il-valur tal-prezz tal-produttur; ħlasijiet mhux fi flus li jikkonsistu f'oġġetti akkwistati minn min iħaddem għandhom jingħataw il-valur tal-prezz tas-suq.

**Varjabbli: 310 Prezzijiet tal-produzzjoni**

L-għan ta' l-indiċi tal-prezz tal-produzzjoni huwa li jqis l-iżvilupp ta' kull xahar tal-prezzijiet ta' transazzjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi.

L-indiċi domestiku tal-prezz tal-produzzjoni għal attività ekonomika jqis l-iżvilupp medju tal-prezz ta' l-oġġetti kollha u tas-servizzi kollha relatati li jirriżultaw minn dik l-attività u li jiġu mibjugħa fis-suq domestiku. L-indiċi mhux domestiku tal-prezz juri l-iżvilupp medju tal-prezz (maqlub għall-munita lokali) ta' l-oġġetti kollha u tas-servizzi kollha relatati li jirriżultaw minn dik l-attività u li jiġu mibjugħa barra mis-suq domestiku. Meta mpoġġija flimkien, dawn iż-żewġ indiċi juru l-iżvilupp medju tal-prezz ta' l-oġġetti kollha u tas-servizzi kollha relatati li jirriżultaw minn attività partikolari.

Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi kollha tal-prodotti li jiddeterminaw il-prezz, inkluż il-kwantità ta' l-unitajiet mibjugħa, it-trasport provdut, ir-roħs, il-kondizzjonijiet tas-servizz u tal-garanzija, u d-destinazzjoni. L-ispeċifikazzjoni għandha ssir b'tali mod li fil-perjodi ta' referenza suċċessivi, l-unità ta' osservazzjoni tkun tista' tidentifika waħedha l-prodott u tipprovdi l-prezz xieraq għal kull unità.

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għad-definizzjoni tal-prezzijiet:

— Il-prezz xieraq huwa l-prezz bażiku li jeskludi l-VAT u taxxi oħra simili ta' tnaqqis li huma direttament marbuta mal-valur tal-bejgħ kif ukoll id-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti u s-servizzi li tagħhom l-unità tkun għamlet fattura, filwaqt li jekk ikun hemm sussidji fuq prodotti rċevuti mill-prodottur, dawn għandhom jiġu miżjuda.

— Jekk l-ispejjeż tat-trasport ikunu inklużi, dawn għandhom jagħmlu parti mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott,

— Sabiex jintwera l-iżvilupp reali taċ-ċaqliq tal-prezzijiet, dan għandu jkun f'għamla ta' prezz effettiv ta' transizzjoni, mhux lista ta' prezzijiet,

— L-indiċi tal-prezz tal-produzzjoni għandu jikkunsidra l-bidliet fil-kwalità tal-prodotti,

— Il-prezzijiet miġbura fil-perjodu t għandhom jirreferu għall-ordnijiet irreġistrati matul il-perjodu t (il-mument ta' l-ordni), mhux fil-mument meta l-prodotti joħorġu mill-fabbrika,

— Għall-prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku, il-prezz għandu jkun ikkalkolat fil-fruntieri nazzjonali, FOB (*free on board*).

Fil-prinċipju, l-indiċi għandu jirrifletti l-prezz medju matul il-perjodu ta' referenza. Fil-prattika, l-informazzjoni effettivament miġbura tista' tirreferi għal ġurnata partikolari matul il-perjodu ta' referenza li tista' tiġi stabbilita bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza. Għal prodotti b'impatt sinifikanti fuq l-ekonomija nazzjonali li jkun magħruf li għandhom, għall-inqas fuq bażi okkażjonali, żvilupp instabbli tal-prezz, huwa importanti li l-indiċi jkun tabilħaqq jirrifletti l-prezzijiet medji.

**Il-Kostruzzjoni**

L-indiċi tal-prezzijiet tal-produzzjoni għall-kostruzzjoni jistgħu jintużaw bħala approssimazzjoni għall-varjabbli ta' l-ispejjeż tal-kostruzzjoni. Dawn iqisu biss l-iżvilupp tal-bini residenzjali u għalhekk jeskludu r-residenzi għal komunitajiet, il-bini mhux residenzjali, il-prezzijiet ta' l-artijiet, u l-ispejjeż tal-periti u spejjeż oħra. Huma jirriflettu l-prezzijiet imħallsa mill-klijent lill-kumpanija ta' kostruzzjoni. Għalhekk ma jirriflettux il-bidliet fil-fatturi ta' l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, u anke l-bidliet fil-marġni ta' produttività u profitt. Barra minn hekk, hemm differenza ta' żmien bejn il-prezz tal-produzzjoni u l-ispejjeż korrispondenti tal-produzzjoni.

**Is-Servizzi**

L-istess definizzjoni tapplika għall-prezzijiet tal-produzzjoni tas-servizzi, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— Il-prezzijiet tal-produzzjoni għas-servizzi juru l-iżvilupp tal-prezz għal servizzi li jsiru lill-konsumaturi li jkunu intrapriżi jew persuni li jirrappreżentaw xi intrapriża.

— Il-perjodu ta' referenza huwa ta' tliet xhur.

— Is-servizzi domestiċi u mhux domestiċi jiġu sorveljati.

— Il-kejl xieraq tal-prezz huwa l-prezz ta' transizzjoni li jirrifletti d-dħul li l-produttur jirċievi għall-prodotti li jkun effettivament biegħ lill-konsumaturi. Dan għandu jikkunsidra kwalunkwe roħs, tnaqqis, soprataxxa, eċċ. li tista' tapplika għall-konsumaturi. Peress li l-prezz jirrifletti d-dħul li jirċievi l-produttur, it-taxxi fuq il-prodotti għandhom ikunu esklużi mill-prezzijiet filwaqt li jekk il-prodottur jirċievi sussidji fuq il-prodotti, dawn għandhom ikunu miżjuda.

Il-prezz għandu jkun reġistrat fid-data tal-kunsinna tas-servizz. Jekk is-servizz ikun mifrux fuq diversi perjodi ta' żmien, għandhom isiru l-aġġustamenti neċessarji.

**Varjabbli: 311 Prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq domestiku**

**Varjabbli: 312 Prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku**

L-għanijiet u l-karatteristiċi ta' l-indiċi għall-varjabbli 310 (prezzijiet tal-produzzjoni) japplikaw ukoll għall-indiċi tad-distinzjoni bejn il-prezzijiet tal-produzzjoni domestiċi u mhux domestiċi.

L-indiċi tal-prezzijiet domestiċi u mhux domestiċi jeħtieġu indiċi separati tal-prezzijiet tal-produzzjoni li għandhom jinġabru skond id-destinazzjoni tal-prodott. Id-destinazzjoni hija determinata skond ir-residenza tal-parti terza li tkun ordnat jew xtrat il-prodott. Id-definizzjoni tas-suq domestiku hija dik ta' partijiet terzi residenti fl-istess territorju nazzjonali bħal dak ta' l-unità ta' osservazzjoni. Il-prezzijiet tal-produzzjoni għas-suq mhux domestiku huma ulterjorment maqsuma fi prezzijiet tal-produzzjoni imqassma fil-pajjiżi taż-żona ta' l-Euro (312z) u l-prezzijiet tal-produzzjoni l-oħrajn kollha (312x).

**Varjabbli: 313 L-indiċi tal-valur ta' l-unità**

L-indiċi tal-valur ta' l-unità jista' jintuża biss bħala approssimazzjoni tal-prezzijiet tal-produzzjoni mhux domestiċi u tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni jekk ma jkun hemm l-ebda taħsir sinifikanti fil-kwalità meta dan ikun imqabbel ma' informazzjoni speċifika tal-prezzijiet.

Għall-iskop ta' dan l-indiċi, il-valuri ta' l-unità huma kkalkolati permezz tal-valur tal-bejgħ tal-prodott diviż bil-kwantità mibjugħa li tkun provduta minn *data* esterna tal-kummerċ. Dan il-valur ta' l-unità mbagħad jiġi ttrattat bħala l-prezz medju tal-prodott u l-indiċi jiġi kkalkolat bl-istess mod bħall-indiċi tradizzjonali tal-prezz tal-produzzjoni.

**Varjabbli: 340 Prezzijiet ta' l-importazzjoni**

L-għan ta' l-indiċi tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni huwa li jqis l-iżvilupp ta' kull xahar tal-prezzijiet ta' transazzjoni ta' oġġetti impurtati u akkwistati minn żoni mhux domestiċi minn residenti domestiċi. Is-servizzi kollha relatati huma inizjalment esklużi minn dan l-ambitu. L-indiċi tal-prezzijiet għandhom jissorveljaw iċ-ċaqliq tal-prezzijiet matul iż-żmien għal oġġetti li jistgħu jiġu mqabbla bejniethom.

Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi kollha tal-prodotti li jiddeterminaw il-prezz, inkluż il-kwantità ta' l-unitajiet mibjugħa, it-trasport provdut, ir-roħs, il-kondizzjonijiet tas-servizz u tal-garanzija, u d-destinazzjoni. L-ispeċifikazzjoni għandha ssir b'tali mod li fil-perjodi ta' referenza suċċessivi, l-unità ta' osservazzjoni tkun tista' tidentifika waħedha l-prodott u tipprovdi l-prezz xieraq għal kull unità.

Id-definizzjoni tas-suq mhux domestiku hija dik ta' partijiet terzi li mhumiex residenti fl-istess territorju nazzjonali bħal dak ta' l-unità ta' osservazzjoni. Id-definizzjoni tas-suq domestiku hija dik ta' partijiet terzi residenti fl-istess territorju nazzjonali bħal dak ta' l-unità ta' osservazzjoni.

Il-limitazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ambitu tal-prezzijiet:

— Importazzjonijiet minn familji, unitajiet governattivi u istituzzjonijiet li m'għandhomx skop ta' profitt huma esklużi;

— L-ordni prevalenti tal-kummerċ u l-proċedura statistika huma s-sistema speċjali tal-kummerċ u l-importazzjonijiet normali; l-importazzjonijiet għall-ipproċessar intern huma inklużi. L-importazzjonijiet għat-tiswija m'humiex koperti;

— Il-kopertura tal-prodott hija limitata għall-prodotti CPA C, D u E. Is-servizzi relatati huma esklużi.

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għad-definizzjoni tal-prezzijiet:

— Il-prezz xieraq huwa l-prezz C.I.F. (*Cost, Insurance, Freight*) fil-fruntiera minbarra d-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti u s-servizzi li jridu jiġu mħallsa mill-unità ta' osservazzjoni;

— It-trasferimenti bejn kumpanija u oħra għandhom jiġu kkunsidrati kemm-il darba dawn it-trasferimenti jkunu bbażati fuq prezzijiet, li jkunu ġejjin mis-suq jew influwenzati mis-suq jew jekk il-prezzijiet tas-suq ma jkunux sinifikanti;

— Sabiex jintwera l-iżvilupp reali taċ-ċaqliq tal-prezzijiet, dan għandu jkun f'għamla ta' prezz effettiv ta' transizzjoni, mhux lista ta' prezzijiet, għalhekk ir-roħs fil-prezzijiet għandu jitnaqqas mill-prezz;

— Sabiex jintwera ċ-ċaqliq reali tal-prezzijiet, il-ġbir ta' l-indiċi tal-prezzijiet għandu jikkunsidra u jagħmel aġġustamenti fir-rigward tal-bidliet fil-kwalità tal-prodotti;

— Karatteristiċi oħra li jiddeterminaw il-prezz tal-prodotti għandhom jiġu trattati wkoll b'mod konsistenti;

— L-importazzjonijiet jkunu reġistrati meta l-proprjetà ta' l-oġġetti tiġi trasferita (jiġifieri meta l-partijiet jirreġistraw transazzjoni fil-kotba jew fil-kontijiet tagħhom);

— It-trasferiment ta' proprjetà ta' dgħajjes u ajruplani jew prodotti simili minn persuna li tkun ġejja minn pajjiż mhux membru għal persuna li tkun ġejja mill-Istat Membru konċernat jitqies bħala importazzjoni.

Fil-prinċipju, l-indiċi għandu jirrifletti l-prezz medju matul il-perjodu ta' referenza. Fil-prattika, l-informazzjoni effettivament miġbura tista' tirreferi għal ġurnata partikolari matul il-perjodu ta' referenza li tista' tiġi stabbilita bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza. Għal prodotti b'impatt sinifikanti fuq l-ekonomija nazzjonali li jkun magħruf li għandhom, għall-inqas fuq bażi okkażjonali, żvilupp instabbli tal-prezz, huwa importanti li l-indiċi jkun tabilħaqq jirrifletti l-prezzijiet medji.

L-indiċi tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni jeħtieġu kalkolu separat skond liema jkun il-pajjiż tal-kunsinna tal-prodott. Il-pajjiż tal-kunsinna jiġi stabbilit b'mod konformi mal-proċeduri tad-dwana. Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni huma ulterjorment maqsuma f'importazzjonijiet minn pajjiżi taż-żona ta' l-Euro (340z) u importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (340x).

**Varjabbli: 320 Spejjeż tal-kostruzzjoni**

L-għan ta' l-indiċi ta' l-ispejjeż tal-kostruzzjoni huwa li juri l-iżvilupp ta' l-ispejjeż li l-kuntrattur ikollu jħallas biex iwettaq il-proċess ta' kostruzzjoni.

L-indiċi totali ta' l-ispejjeż (spejjeż materjali u spejjeż tax-xogħol) juri l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-fatturi tal-produzzjoni użati fl-industrija tal-kostruzzjoni.

L-indiċi ta' l-ispejjeż tal-kostruzzjoni huwa kkalkolat b'dan il-mod:

$$I = \sum_{i=1}^{n} \left( w_i^M \times M_i + w_i^L \times L_i + \ldots \right)$$

fejn $I$ – l-indiċi tal-kostruzzjoni, $M_i$ – l-indiċi ta' l-ispejjeż materjali, $L_i$ – l-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol, $w_i^M$ – il-piż għall-materjali, $w_i^L$ – il-piż għall-ispejjeż tax-xogħol.

Spejjeż li jikkostitwixxu l-komponenti tal-kostruzzjoni huma l-impjanti u t-tagħmir, it-trasport, l-enerġija u spejjeż oħra. L-ispejjeż tal-perit ma jagħmlux parti mill-ispejjeż tal-kostruzzjoni..

**Varjabbli: 321 Spejjeż materjali**

L-indiċi ta' l-ispejjeż materjali ġeneralment jiġi kalkolat bl-użu tal-prezzijiet materjali. Il-prezzijiet tal-materjali għandhom ikunu bbażati fuq prezzijiet attwali iktar milli fuq prezzijiet tal-lista. Il-prezzijiet għandhom ikunu bbażati fuq kampjun ta' prodotti u fornituri. Il-prezzijiet iridu jiġu valutati bl-esklużjoni tal-VAT.

**Varjabbli: 322 Spejjeż tax-xogħol**

L-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol għandu jkopri l-pagi u s-salarji u n-nefqa fis-sigurtà soċjali għall-persuni kollha impjegati. In-nefqa fis-sigurtà soċjali tinkludi: i) kontribuzzjonijiet soċjali ta' l-istat li jitħallsu minn min iħaddem, ii) kontribuzzjonijiet soċjali kuntrattwali jew volontarji mħallsa minn min iħaddem, taħt ftehim kollettiv u iii) kontribuzzjonijiet soċjali imputabbli (benefiċċji soċjali mħallsa direttament minn min iħaddem).

**Varjabbli: 411 Liċenzji tal-bini: numru ta' abitazzjonijiet**

L-għan ta' l-indiċi tal-liċenzji tal-bini fir-rigward tan-numru ta' abitazzjonijiet huwa li juri l-iżvilupp ġejjieni ta' l-attività tal-kostruzzjoni f'termini ta' numru ta' unitajiet.

Il-liċenzja tal-bini hija awtorizzazzjoni biex jinbeda x-xogħol fuq proġett ta' kostruzzjoni. Fil-fatt, il-liċenzja hija l-aħħar stadju ta' awtorizzazzjoni ta' ppjanar u kostruzzjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, qabel ma jibda x-xogħol.

Indiċi li jkun ibbażat fuq dawn il-liċenzji għandu jipprovdi indikazzjoni tajba ta' l-ammont ta' xogħol għal industrija tal-kostruzzjoni partikolari fil-futur qarib, għalkemm dan mhux bilfors ikun il-każ jekk numru kbir ta' liċenzji ma jintużawx jew jekk ikun hemm perjodu twil ta' żmien bejn il-liċenzji u l-bidu tal-kostruzzjoni.

L-indiċi tan-numru ta' liċenzji jinġabru għal bini residenzjali b'abitazzjoni waħda u għal bini residenzjali b'żewġ abitazzjonijiet jew aktar. Abitazzjoni hija kamra jew sett ta' kmamar u l-aċċessorji tagħha f'bini permanenti jew f'parti minn dan il-bini li tkun ġiet separata strutturalment bil-mod kif tkun inbniet, inbniet mill-ġdid, inbidlet strutturalment, eċċ, li tkun maħsuba għall-abitazzjoni privata. Għandu jkollha aċċess separat għat-triq (li jista' jkun dirett jew wara li wieħed jgħaddi minn ġnien jew grawnd) jew għal spazju komuni fi ħdan il-bini (taraġ, passaġġ, gallerija, eċċ.). Kmamar separati għall-abitazzjoni li jintużaw bħala parti mill-abitazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-abitazzjoni. Għalhekk abitazzjoni tista' tkun magħmula minn bini separat fi ħdan l-istess spazju magħluq, bil-kondizzjoni li dan il-bini jkun maħsub għall-abitazzjoni ta' l-istess familja.

**Varjabbli: 412 Liċenzji tal-bini: metri kwadri ta' spazju fl-art utilizzabbli jew miżura alternattiva ta' daqs**

L-għan ta' l-indiċi tal-liċenzja tal-bini fir-rigward ta' l-ispazju fl-art utilizzabbli huwa li juri l-iżvilupp ġejjieni ta' l-attività tal-kostruzzjoni f'termini ta' volum.

Il-liċenzja tal-bini hija awtorizzazzjoni biex jinbeda x-xogħol fuq proġett ta' kostruzzjoni. Fil-fatt, il-liċenzja hija l-aħħar stadju ta' awtorizzazzjoni ta' ppjanar u kostruzzjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, qabel ma jibda x-xogħol.

Indiċi li jkun ibbażat fuq dawn il-liċenzji għandu jipprovdi indikazzjoni tajba ta' l-ammont ta' xogħol għal industrija tal-kostruzzjoni partikolari fil-futur qarib, għalkemm dan mhux bilfors ikun il-każ jekk numru kbir ta' liċenzji ma jintużawx jew jekk ikun hemm perjodu twil ta' żmien bejn il-liċenzji u l-bidu tal-kostruzzjoni.

Dan l-indiċi jinġabar mill-metri kwadri ta' spazju utilizzabbli ta' bini li għalih ikunu ngħataw il-liċenzji. L-ispazju utilizzabbli ta' bini ([1]) jitkejjel 'il ġewwa mill-ħitan esterni tiegħu, għajr:

— żoni ta' kostruzzjoni (eż. żoni ta' komponenti ta' demarkazzjoni, appoġġi, kolonni, pilastri, xaftijiet, ċmieni),

— żoni funzjonali għal użu subordinat (eż. żoni użati għal installazzjonijiet tat-tisħin jew ta' l-arja kondizzjonata, jew għal ġeneraturi ta' l-enerġija elettrika),

— żoni magħluqa (eż. żoni fejn ikun hemm taraġ, lifts, jew skala mobbli).

Il-parti ta' l-ispazju totali utilizzabbli ta' bini użat għal skopijiet ta' residenza tinkludi l-ispazju użat għall-kċejjen, għall-kmamar maħsuba għall-użu ġenerali ta' kuljum, għall-kmamar tas-sodda u għall-kmamar anċillari, għall-kantini u għal kmamar komuni użati mis-sidien ta' l-unitajiet ta' residenza.

Jistgħu jintużaw miżuri oħra kemm-il darba dawn jintużaw b'mod mhux ambigwu u konsistenti mill-Istati Membri kif permess mir-Regolament Nru 1165/98, Anness B, (c1).

Ir-Regolament Nru 1165/98 jirreferi għall-klassifikazzjoni CC meta tintalab *data* dwar il-liċenzji tal-bini għal kategoriji differenti ta' bini. Il-kategorija "bini ieħor" tar-Regolament Nru 1165/98 tinkludi l-kategoriji li ġejjin fil-klassifikazzjoni CC:

— lukandi u bini simili,

— bini tan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut,

— bini għat-traffiku u għall-komunikazzjoni,

— bini industrijali u mħażen,

— bini għad-divertiment tal-pubbliku, għall-edukazzjoni, sptarijiet jew bini istituzzjonali ieħor maħsub għall-kura,

— bini ieħor mhux residenzjali.

**Varjabbli: 330 Deflator tal-bejgħ**

L-għan tad-deflator tal-bejgħ huwa li jaġġusta d-dħul totali għall-impatt tal-bidliet fil-prezzijiet.

Id-deflator tal-bejgħ fin-negozju bl-imnut ma jnaqqasx l-inflazzjoni tas-servizz provdut imma ta' l-oġġetti mibjugħa.

Il-prezzijiet użati biex ikun kalkolat id-deflator għal xi attività partikolari jiġu kkalkolati bħala l-ko-effiċjent medju ta' l-indiċi rilevanti tal-prezz ta' l-oġġetti għal dik l-attività. Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi kollha tal-prodotti li jiddeterminaw il-prezz, inkluż il-kwantità ta' l-unitajiet mibjugħa, it-trasport provdut, ir-roħs, il-kondizzjonijiet tal-garanzija, u d-destinazzjoni.

L-ispeċifikazzjoni għandha ssir b'tali mod li fil-perjodi ta' referenza suċċessivi, l-unità ta' osservazzjoni tkun tista' tidentifika waħedha l-prodott u tipprovdi l-prezz xieraq għal kull unità.

Sabiex jintwera l-iżvilupp reali taċ-ċaqliq tal-prezzijiet, dan għandu jkun f'għamla ta' prezz effettiv ta' transizzjoni, mhux lista ta' prezzijiet.

Fil-prinċipju, l-indiċi għandu jirrifletti l-prezz medju matul il-perjodu ta' referenza. Fil-prattika, l-informazzjoni effettivament miġbura tista' tirreferi għal ġurnata partikolari matul il-perjodu ta' referenza li tista' tiġi stabbilita bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza.

**Definizzjoni tat-territorju ekonomiku**

It-territorju ekonomiku jinkludi l-punti li ġejjin:

— it-territorju ġeografiku amministrat minn gvern nazzjonali li fi ħdanu l-persuni, il-prodotti, is-servizzi u l-kapital jistgħu jiċċaqalqu b'mod ħieles,

([1]) Id-definizzjoni ta' l-ispazju utilizzabbli ta' art hija konformi mal-Klassifikazzjoni tat-Tipi ta' Kostruzzjoni li hi stess tirreferi għall-Istandards u l-Istudji ta' l-Istatistika, Nru 40, In-Nazzjonijiet Uniti, New York 1987, u l-Istandards u l-Istudji ta' l-IStatistika, Nru 43, In-Nazzjonijiet Uniti, New York 1994.

— kwalunkwe żona ħielsa, inkluż imħażen tad-dwana u fabbriki taħt il-kontroll tad-dwana,

— l-ispazju ta' l-ajru nazzjonali, l-ibħra territorjali u l-pjattaforma kontinentali li tkun tinsab fl-ibħra internazzjonali, li fuqha l-pajjiż ikollu drittijiet esklussivi,

— enklavi territorjali, jiġifieri territorji ġeografiċi li jinsabu fil-bqija tad-dinja u li, skond trattati jew ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati, huma użati minn aġenziji ġenerali tal-gvern tal-pajjiż (ambaxxati, konsolati, bażijiet militari, bażijiet xjentifiċi, eċċ),

— depositi ta' żejt, gass naturali, eċċ. f'ibħra internazzjonali barra mill-pjattaforma kontinentali tal-pajjiż, li jkunu operati minn unitajiet residenti fit-territorju kif definit preċedentement.

It-territorju ekonomiku jeskludi l-punti li ġejjin:

— enklavi extra-territorjali (jiġifieri l-partijiet tat-territorju ġeografiku tal-pajjiż użati minn aġenziji ġenerali tal-gvern ta' pajjiżi oħra, mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali skond trattati jew ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati).

Din id-definizzjoni ssegwi s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (SEK) 1995 paragrafi 2.05-2.06.

Għall-iskop ta' l-istatistika għal żmien qasir, id-differenza bejn is-swieq domestiċi u mhux domestiċi għandha tiġi interpretata skond it-territorju ta' l-Istati Membri. Din id-definizzjoni tista' tiġi riveduta fil-futur sabiex tikkunsidra b'mod speċifiku l-integrazzjoni Ewropea u/jew monetarja, b'mod konformi ma' Regolamenti oħra rilevanti.

*ANNESS II*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1165/98**

L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif ġej:

**Lista ta' varjabbli**

It-test taħt l-intestatura (c) (Lista tal-varjabbli) huwa emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 1 il-varjabbli 130 Ordnijiet ġodda rċevuti, 135 Ordnijiet ġodda rċevuti għall-kostruzzjoni tal-bini u 136 Ordnijiet ġodda mirċieva għall-inġinerija ċivili, huma mħassra.

2. Il-paragrafi 2 u 4 huma mħassra.

**Il-Perjodu ta' referenza**

It-tieni paragrafu taħt l-intestatura (e) (Perjodu ta' referenza) huwa mibdul b'dan li ġej:

"Dawk l-Istati Membri li l-valur miżjud tagħhom fit-Taqsima F tan-NACE f'sena bażi partikolari ikun inqas minn 2 % tat-total tal-Komunità Ewropea jeħtieġu biss iwettqu l-varjabbli 110, 115 u 116 b'perjodu ta' referenza ta' tliet xhur."

**Il-livell ta' dettall**

It-test taħt l-intestatura (f) (Il-livell ta' dettall) huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "1. Il-varjabbli Nri 110, 210, 220 u 230 għandhom jiġu trasmessi mill-inqas fil-livell ta' żewġ ċifri tan-NACE Rev. 1".

2. Il-paragrafu 2 huwa mħassar;

**Iż-żmien ta' l-għeluq għat-trażmissjoni tad-*data***

Taħt l-intestatura (g) (Iż-żmien ta' l-għeluq għat-trażmissjoni tad-*data*) fil-paragrafu 1, il-varjabbli 130, 135 u 136 u ż-żminijiet ta' l-għeluq rispettivi tagħhom huma mħassra.